

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-10 ta' Diċembru 2020 – Comune di Milano vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-160/19 P) <sup>(1)</sup>

*(Appell – Għajjnuna mill-Istat – Settur tat-trasport bl-ajru – Servizzi ta' ground handling fl-ajruporti ta' Milano-Linate (l-Italja) u ta' Milano-Malpensa (l-Italja) – Injezzjonijiet ta' kapital imwettqa mill-amministratur ta' dawn l-ajruporti fis-sussidjarja tiegħu miżmuma 100 % li tipprovdi dawn is-servizzi – Azzjonisti pubbliċi tal-amministratur – Deċiżjoni li tiddikjara dawn il-miżuri bħala għajjnuna mill-Istat illegali u inkompatibbli mas-suq intern – Artikolu 107(1) TFUE – Kunċetti ta' "riżorsi tal-Istat", ta' "miżura imputabbli lill-Istat" u ta' "vantaġġ ekonomiku" – Prinċipju ta' operatur privat – Kriterju ta' investitur privat – Oneru tal-prova – Evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi – Intensità tal-istħarriġ ġudizzjarju – Żnaturament ta' provi)*

(2021/C 44/06)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

*Appellant:* Comune di Milano (rappreżentanti: A. Mandarano, E. Barbagiovanni, S. Grassani u L. Picciano, avvocati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: D. Recchia, G. Conte u D. Grespan, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Il-Comune di Milano huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 131, 8.4.2019.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tal-10 ta' Diċembru 2020 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja**

(Kawża C-347/19) <sup>(1)</sup>

*(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Ambjent – Effikaċja enerġetika – Direttiva 2012/27/UE – Artikolu 9 (3) – Konsum ta' tisħin, ta' tkessiġ u ta' ilma sħun – Installazzjoni f'bini ta' apparat individwali ta' kejl tal-konsum)*

(2021/C 44/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

**Partijiet**

*Rikorrent:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: K. Talabér-Ritz, S. Pardo Quintillán u Y. G. Marinova, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju ta' Spanja (rappreżentant: L. Aguilera Ruiz, aġent)

**Dispożittiv**

- 1) Billi ma adottax, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet nazzjonali kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 9(3) tad-Direttiva 2012/27/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-effiċjenza fl-enerġija, li temenda d-Direttivi 2009/125/KE u 2010/30/UE u li tħassar id-Direttivi 2004/8/KE u 2006/32/KE, dwar l-installazzjoni fil-bini ta' apparat individwali ta' kejl tal-konsum ta' tisħin, ta' tkessiġ u ta' ilma sħun, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt din id-dispożizzjoni.
- 2) Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.

<sup>(1)</sup> ĠU C 238, 15.7.2019.